# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 33/2018 MH**

**Illum 14 ta' Diċembru, 2018**

**Massimo Abela (K.I. 511571M)**

**vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali ta' Massimo Abela tat-2 ta' April 2018** permezz ta' liema ppremetta li:

*"Illi nhar l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) ir-rikorrenti kien involut f'inċident tat-traffiku bil-vettura tiegħu tal-għamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni MAM 555. Illi sussegwentement huwa tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'reati relatati ma' dan l-*

*inċident fis-sena elfejn u sebgħa (2007), liema reati kienu jirrisalu għas-sena elfejn u hamsa (2005) u ċioe' sentejn qabel ma tressaq l-ewwel darba quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta).*

*Illi l-imsemmija kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ċioe' għaxar (10) snin wara illi ġie mressaq l-ewwel darba quddiem il-Qrati Maltin u tnax-il (12) sena wara illi kien seħħ l-imsemmi inċident.*

*Illi il-proċeduri surreferiti quddiem l-Qorti ittawwlu minħabba tortijiet attriwibbli lill-Prosekuzzjoni u sabiex tkun tista' tressaq il-provi tagħha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti peress illi l-Prosekuzzjoni għalqu l-provi tagħhom biss definittivament fis-sena elfejn u hdax (2011) u ċioe' erba' snin wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna.*

*Illi di piu', il-parti sostanzjali tal-proċeduri surreferiti quddiem il-Qorti ittawlu għal diversi snin minħabba l-fatt li, bir-rispett, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) damet iżjed minn tliet (3) snin sabiex tagħti s-sentenza.*

*Illi finalment jiġi ppreċiżat li ma kien hemm* **ebda** *dewmien fi stadju ta' Appell.*

*Illi d-dritt għal smiegħ xieraq* ***fi żmien raġjonevoli*** *ai termini tal-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi huwa dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata fi żmien raġovenoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ* ***Vocaturo vs Italy*** *deċiża fl-24 ta'*

*Mejju tas-sena 1991 u fil-każ* ***G.H vs Austria*** *deċiża fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2000 irriteniet:*

*"'It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations* ***within a reasonable time".***

*Illi dan irid jittieħed fil-kuntest ta' dak li jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "****Major Manduca vs Il-Prim Ministru****", mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995, fejn hemm ukoll referenza għall-insenjament tal-ktieb ta'* **Van Dyke and CJF Van Hoof** *li jipprovdi li:*

*'Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organize the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6'.*

*Illi hawn huwa opportun li jirreferi għal dak li gie ritenut fis-sentenza "***John Saliba vs Avukat Ġenerali et***" (P.A. [S.K.] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD – 24 ta' April 1998):*

*"Għalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta ż-żmien jibda jitqies bħala twil iżżejjed, għax 'the reasonable of the duration of proceedings covered by Art. 6 [...] must be assessed in each case according to the circumstances' [Konig vs Germany], madanakollu meta ż-żmien prima facie jidher twil, bħal ma indubbjament huwa fil-każ tal-lum, ikun imiss għall-istat intimat li juri li kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw dan id-dewmien (Santilli vs Italy, 19 ta' Frar 1991 [ECHR – A 194-D])".*

*Illi inoltre fis-sentenza datata 14 ta' Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet* ***Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Avukat Generali,*** *il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li sahqu li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:*

***(a) il-komplessita' tal-każ;***

***(b) l-imġieba tal-Qorti;***

***(c) l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.***

*Illi meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ kollha u ż-żmien rilevanti għal ilment tal-appellanti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq msemmija, wieħed ma jistax jasal għal fehma li kien hemm dewmien ġustifikabli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien kien attribwibli lir-rikorrenti. Iż-żmien meħud biex effettivament wassal sabiex ir-rikorrenti ingħata sentenza kien wieħed li ċertament jaqbeż iż-żminijiet li normalment jittieħed biex Qorti tiddisponi minn każijiet simili.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. ***TIDDIKJARA*** *illi t-trapass taż-zmien u d-dewmien irragonevoli li tieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tiegħu, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. ***TAKKORDA*** *rimedju effettiv u tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat."*

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' April 2018**[1] fejn ġie eċċepiet illi:

*Illi fil-kawża odjerna r-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu liema proċeduri mill-informazzjoni mogħtija mir-rikors in risposta jidhru li huma l-proċeduri fl-ismijiet fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Massimo Abela Kumpilazzjoni Numru 999/2006 u sabiex konsegwentement takkorda rimedju effettiv.*

1. *Illi l-esponent jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi jibda biex jingħad li għalkemm il-kawża damet tnax –il sena biex inqatgħet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku għandu jinstab li kien hemm dewmien inġustifikat jew dewmien attribwibbli lill-Istat. Hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-*

[1] Fol 10 et seq

*astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun;*

3. *Illi huwa aċċettat ukoll li ma hemm ebda time limit li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għaliex inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda u inkonsulta;*

4. *Illi inoltre huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri kriminali in deżamina għalkemm il-każ ħa numru ta' snin sakemm ġie finalment deċiż ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

5. *Illi l-esponent jeċepixxi wkoll illi ma kien hemm ebda ħela ta' ħin daparti tal-prosekuzzjoni tant illi l-ispettur prosekutur dejjem attenda għas-seduti, f'kull seduta il-prosekuzzjoni dejjem ressqet xhieda u għamlet dak kollu mitlub minnha mill-Qorti fil-ħin.*

6. *Mhux l-istess jista' jingħad għar-rikorrent li kien hemm drabi fejn ma dehrx għas-seduta, drabi oħra fejn deher tard u allura ma seta' jsir xejn fis-seduta, drabi oħra fejn is-seduta ġiet differita fuq talba tar-rikorrent jew id-difensur tiegħu stess u kien hemm ukoll dewmien daparti tiegħu sabiex tiġi preżentata n-nota ta' sottomissjonijiet tant li din baqgħet qatt*

*ma ġiet preżentata u dan wara li kienet id-difensur tar-rikorrent stess li oriġinarjament talbet li t-trattazzjoni ssir b'mod skritt;*

7. *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-appell ġie appuntat għas-smiegħ anqas minn xahar wara li ngħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti u ġie deċiż erba' xhur biss wara li ngħatat id-deċiżjoni mill-Ewwel Qorti;*

8. *Illi dawn il-fatturi kollha suesposti għandhom ukoll jittieħdu in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jirrileva illi t-trapass ta' żmien f'dan il-każ safa ta' vantaġġ għar-rikorrent u dan peress illi l-Qorti tal-Appell ħadet il-fatt tat-trapass taż-żmien u l-fatt li r-rikorrent laħaq immatura sadanittant bħala waħda mill-kunsiderazzjonijiet tagħha li wassluha biex tbiddel il-piena inflitta fuq ir-rikorrent mill-Ewwel Qorti u ċioe' tbiddel il-piena minn waħda ta' priġunerija effettiva għal sentenza sospiża. Għaldaqstant ukoll ma hemmx lok illi r-rikorrent jilmenta illi minħabba t-trapass taż-żmien hu sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 2018 fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur Ramon Mercieca vs Massimo Abela[2] fejn qalet hekk:*

*"Mhux biss iżda din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora t-trapass taż-żmien minn meta seħħ l-inċident f'Settembru tal-2005, kawża li damet għaddejja 'il fuq minn għaxar snin, b'dan illi illum l-appellanti immatura aktar fl-imġieba tiegħu tant li għaraf l-iżball tiegħu. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm il-quantum tal-piena m'għandux jiġi mittiefes, madanakollu l-priġunerija għandha tiġi*

[2] Appell Nurmu 391/2017.

*sospiża fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali". [kopja tas-sentenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AG1']*

10.*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' x'rimedju għandu jingħata jekk jinstab illi r-rikorrent ġarrab leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, l-esponent jeċepixxi illi f'każ li jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament soffert. L-esponent jeċepixxi wkoll illi għalkemm din l-Onorabbli Qorti tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madanakollu hija l-umli fehma ta' l-esponent li ma jridx jintesa' l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti standards u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards hija r-rimedju ewlieni. Hawnhekk l-esponent jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Major Peter Manduca vs. L-Onorevoli Prim' Ministru'**[3] fejn ġie osservat illi:*

*"Il-Qorti rat ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea. Hemm każijiet fejn il-Qorti dehrilha li kien suffiċjenti għar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu kienu verament ġew leżi. Hawn ir-rikorrent kellu vindikazzjoni ta' l-allegazzjoni tiegħu (just satisfaction) pero' ma ġiex akkordat kumpens materjali."*

11.*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[3] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995.

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent. "*

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u d-dokumenti esibiti in atti fosthom dawk tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Massimo Abela*.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partjiet.

Rat illi l-każ ġie differit għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("Kostituzzjoni") u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("Konvenzjoni") minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Massimo Abela"* deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudiktura Kriminali fl-4 t'Ottubru 2017 u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018. Għal din l-allegata leżjoni huwa qed jitlob li jingħata rimedju effettiv.

Mill-premessi tar-rikors promotur jirriżulta li l-ilment ewlieni tar-rikorrent mhuwhiex immirat lejn il-proċeduri li saru quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali tant li huwa stess jiddikjara li *"jiġi ppreċiżat li ma kien hemm **ebda** dewmien fi stadju tal-Appell."* Il-lanjanza tiegħu hija nvece aktar diretta lejn il-proċeduri li tmexxew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Minn naħa tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali rrespinġa il-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fil-fehma tiegħu d-dritt għal smiegħ

xieraq irid jigi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu u li fil-każ odjern ma kien hemm ebda dewmien irraġjonevoli.

Għar-rigward ta' provi, oltre dawk dokumentarji xehed ukoll l-**Ispettur Ramon Mercieca**[4] li qal li l-inċident tat-traffiku li fih kien involut ir-rikorrent seħħ fl-10 ta' Settembru 2005 kmieni filgħodu fi Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq. Ix-xhud kien mar fuq il-post. L-inkjesta kienet ingħalqet ftit inqas minn sena wara u ċioe' fit-28 t'Awissu 2006. Fis-6 ta' Settembru 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija kien għaddielu l-file biex ikompli bl-investigazzjonijiet tiegħu. Fit-22 ta' Settembru 2006 (ftit aktar minn sena u mhux sentejn kif indikat fir-rikors promotur) huwa kien ġab il-kunsens tal-Avukat Ġenerali biex il-każ tar-rikorrent jiġi trattat bi proċedura sommarja[5]. Huwa ntavola l-akkuża u l-kawża bdiet tinstema' fis-6 ta' Diċembru 2006.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li l-provi tal-prosekuzzjoni damu erba' snin biex jingħalqu x-xhud wieġeb li kien hemm fatturi li kkontribwew għal dan it-trapass ta' żmien fosthom li l-vittma għamlet żmien twil l-ITU imbagħad il-*High Dependency Unit* u żmien twil ġewwa l-*Orthopaedic Ward*. Inoltre waħda mill-*injuries* li kellu l-vittma kienet fix-xedaq ta' ħalqu u allura l-pulizija kellhom problema kbira biex jikkomunikaw miegħu. Apparti hekk kienu sarulu ħafna nterventi mediċi tant li l-vittma dam dieħel u ħiereġ l-isptar għal żmien twil u anke l-Maġistrat Inkwirenti sab diffikulta' biex jikkomunika miegħu biex tkun tista' tingħalaq l-inkjesta. Kien hemm ukoll problema peress li kellhom jitħarrku diversi tobba u dawn mhux dejjem jitilgħu. Ix-xhud esebixxa wkoll diversi riferti ta' taħrikiet li uħud minnhom kienu negattivi u kien ikollu jagħmel tentattivi oħra għan-notifika nkluż bil-ħruġ ta' mandati[6]. Dan biex jissottolinea li l-prosekuzzjoni għamlet xogħolha. Ix-xhud qal ukoll li mid-data li fiha kien preżenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet fit-28 ta' Jannar 2013 sakemm effettivament kienet ingħatat is-sentenza kien hemm numru ta' differimenti mill-Qorti stess u hu kien jieħu ħsieb li jinforma lill-partjiet involuti b'dan u kien anke jerġa jinfurmahom meta jingħata d-differiment[7].

**Ikkunsidrat:**

4 Fol 42 et seq
5 Dok RM a fol 40
6 Dok RM 2 a fol 52
7 Dok RM3 a fol 45 et seq

Il-qofol tal-kwistjoni kostituzzjonali odjerna huwa l-perjodu li damu għaddejjin il-proċeduri kriminali in kwistjoni kontra r-rikorrent, u jekk tali dewmien iwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk -

*"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

Il-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, kemm dawk lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), huma *ormai* ben stabbiliti. Fost l-ewlenin il-Qorti tissottolinea li:

1. Kemm l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jestabilixxu li bħala parti mid-dritt għal smiegħ xieraq, deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' natura ċivili u anke dawk ta' natura kriminali għandhom jinqatgħu **fi żmien raġjonevoli**. Dan sabiex il-partijiet fil-proċeduri quddiem il-Qrati jiġu protetti minn dewmien proċedurali eċċessiv li jista' jkun ta' preġudizzju għalihom kif ukoll sabiex il-kredibilita' u l-effettivita' tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix mittiefsa.

Kif qalet il-QEDB fil-każ **Moreira de Azevedo v Portugal**[8] -

*"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility....."*;

[8] App. Nru 11296/84 deciz fit-23 t'Ottubru 1990, para 74

Fil-każ **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali deċiż fit-22 t'April 2015**[9] din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk -

*"Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'"*[10]*;*

*Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża*[11]*;*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien*[12]*. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-*

[9] Rik Kost 71/10

[10] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164

[11] Kost. 10.6.1966 fil-kawża fl-ismijiet **Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et** (mhix pubblikata)

[12] Kost. 27.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Brincat vs Il-Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.160)

*ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija30. Għaliex kif qalet ilQorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994)]"*[13]*. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)]"*[14]*;*

*(.....)*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiża xierqa w effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"*[15]*; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;"*

---

[13] Ara QEDB 28.7.1999 fil-kawża fl-ismijiet A.P. vs Italja (Applik. Nru. 35265/97) § 18

[14] Ara QEDB 19.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Culjak vs Kroazja (Applik. Nru. 58115/00) § 63

[15] Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – paġ 77

2. Fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-raġjonevolezza o meno tal-perjodu li fih ikunu nstemgħu il-proċeduri kontra l-individwu konċernat għall-fini tal-protezzjoni mogħtija fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni dwar id-dritt għal smiegħ xieraq il-kuntest tal-evalwazzjoni huwa wieħed wiesgħa. Kif qalet il-Qorti fil-każ ċitat **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** -

*"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("dies a quo") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti[16]. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("dies ad quem") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell[17];"*

3. Inoltre tali evalwazzjoni m'għandiex tiġi stabbilita in *vacuum* jew a bazi biss tan-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in ezami u ċ-ċirkustanzi kollha li l-Qorti tkun qed taħdem fihom fiż-żmien in kwistjoni.

L-awturi **Van Dijk, P.** u **van Hoof, F** fil-ktieb tagħhom, '***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** qalu hekk -

*"After the length of the relevant period has been established, it must be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, while in other cases it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract, but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case[18]."*

4. Fil-kors tas-snin kemm il-QEDB kif ukoll il-Qrati tagħna stabbilew diversi kriterji li tagħhom għandha tittieħed konsiderazzjoni fl-eżerċizzju msemmi.

[16] QEDB 25.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet Dobbertin vs Franza (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38
[17] QEDB 19.2.1991 fil-kawża fl-ismijiet Angelucci vs Italja (Applik. Nru. 12666/87) § 15
[18] Paġna 606 (4 edizzjoni)

Kif issottolineat din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **David Marinelli vs Avukat Ġenerali**[19] -

*"B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smiegħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien rġgjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess".*

Fil-każ **Joseph Manuel Galea et vs Avukat Generali**[20] din il-Qorti diversament preseduta kompliet hekk –

*".....il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "**Gatt vs Avukat Generali**", deċiża fit-28 ta' Frar, 2014, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ġuridiċi:*

*"12. Hu ormai ben assodat, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jiġi aċċertat jekk it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri kienx ragjonevoli jew le għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ b'mod partikolari l-komplessità tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess proċess u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jiġi deċiż b'mod finali l-każ. (Vide **Frydlender v. France** GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

*Għalhekk f'kawża bħal din m'għandux biss sempliċement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawża biex tiġi deċiża. Għandhom ukoll jittiħhdu in konsiderazzjoni fatturi oħra."*

Fil-każ **Francis Theuma vs Avukat Ġenerali**[21] kompla jingħad hekk -

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli".*

---
[19] Rik Nru 5/08 deciz fit-3 ta' Lulju 2008
[20] Rik Nru 88/13 deciz 15 ta' Mejju 2015
[21] App Nru 737/00 deciz fis-27 ta' Gunju 2003

Ingħad imbagħad fil-każ **John A. Said pro et nomine vs. Avukat Ġenerali**[22]-

*"Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kienux".*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti eżaminat l-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Massimo Abela* u tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet –

A. L-inċident stradali li fih kien involut ir-rikorrent seħħ fl-10 ta' Settembru 2005. Dakinhar stess inbdiet inkjesta Maġisterjali[23]. Din l-inkjesta hija meqjusa li ngħalqet fi żmien raġjonevoli ta' inqas minn sena fit-28 t'Awissu 2006 u dan nonostante l-fatt li kellhom jitqabbdu diversi esperti sabiex jgħinu fl-inkjesta minħabba l-entita' tal-inċident kif ukoll il-fatt li minn natura tal-ġrieħi gravi li wieħed mill-vittmi ġarrab u l-kura medika li kellu jingħata inevitabilment żgur li kien hemm perjodu li fih ma dan kienx f'qagħda li jikkomunika mal-investigaturi u l-esperti mqabbda mill-Qorti.

B. L-akkuża fil-konfront tar-rikorrent odjern ġiet preżentata fil-Qorti nhar it-22 ta' Settembru 2006 u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali ngħatat fl-4 t'Ottubru 2017.

C. Massimo Abela kien appella minn din is-sentenza fis-16 t'Ottubru 2017[24], it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali saret fis-6 ta' Diċembru 2017[25] u s-sentenza ngħatat fit-28 ta' Frar 2018 – perjodu relattivament qasir kif *del resto* huwa nnutat ukoll mir-rikorrent innifsu. F'dan il-kuntest ukoll u nkwantu qegħda tissenjala biss stat ta' fatt, is-seba' eċċezzjoni tal-intimat sejra tiġi milqugħa.

[22] Rik Nru 63/10 deciz fil-11 ta' Novembru 2011
[23] Esibita a fol 33
[24] Fol 210 et seq
[25] Fol 225

D. Mill-istadji tal-proċeduri fuq imsemmija u fid-dawl tal-mod kif sar l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent huwa l-andament tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali li ser jiġi skrutinjat aktar fid-dettall għall-fini tal-każ tal-lum. Jirriżulta fattwalment li mill-preżentata tal-akkuża f'Settembru 2006 sal-għoti tas-sentenza f'Ottubru 2017 **għaddew aktar minn ħdax il-sena** u l-Qorti hija fid-dmir li tara x'wassal għal dan it-trapass taż-żmien u jekk dan jistax jitqies raġjonevoli jew le fil-parametri tal-prinċipji tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dwar dak l-istadju tal-proċeduri kontra r-rikorrent l-Qorti tqis li -

i. Ir-rikorrent kien mixli b'erba' akkużi bl-ewwel waħda in partikolari kienet aktar serja mill-oħrajn (fejn il-vittma kien anke fil-periklu tal-mewt għal xi żmien[26]) senjatament li –

(a) Fl-10 ta' Settembru 2005 waqt li kien għaddej bil-vettura fi Triq l-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ferita gravi fuq terza persuna liema ferita aktarx tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew marda permanenti tal-moħħ jew iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn u dan ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali;

(b) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, kkaġuna ferita ħafifa fuq terza persuna oħra ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali;

(c) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq vettura u li minħabba b'hekk ikkaġuna offiża gravi fuq it-terza persuna u offiża ta' natura ħafifa fuq it-terza persuna l-oħra, it-tnejn fuq imsemmija ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali;

(d) u fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza, saq il-vettura, b' nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b' mod perikoluż ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

[26] Atti tal-Inkjesta Maġisterjali a fol 33 tal-proċess

Il-proċeduri in eżami kellhom ikunu sommarji[27], iżda dan ma jfissirx awtomatikament li l-portata tagħhom kienet waħda sempliċi jew *di facile spedizione* kif jinsinwa r-rikorrent tant li in vista tan-natura tal-każ kellhom anke jitqabbdu xi esperti.

ii. Detto cio' pero' l-Qorti xorta hija tal-fehma li n-natura tal-każ inkluż il-provi li tressqu fih ma jiġġustifikax it-trapass ta' tant snin biex jiġi deċiż mill-ewwel Qorti. L-inkartament tal-proċeduri kriminali juri diversi fatturi li kumulattivament (uħud aktar minn oħrajn) ikkontribwew għal dewmien żejjed tal-proċeduri kif ser jingħad -

- Primarjament jiġi nnutat li kien hemm sbatax il-differiment li saru fuq ordni tal-Qorti. Għaxra minn dawn id-differimenti kienu konsekuttivi sabiex tingħata s-sentenza u dan fil-perjodu bejn is-16 ta' Mejju 2014[28] u l-4 t'Ottubru 2017[29] meta mbagħad ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[30]. Kemm in-numru ta' differimenti kif ukoll it-tul ta' żmien bejn differiment u ieħor partikolarment fl-istennija għall-għoti tas-sentenza huma fil-fehma tal-Qorti l-fatturi ewlenin li wasslu għal ħafna dewmien żejjed fis-smiegħ tal-proċeduri kriminali.

- Jiġi nnutat ukoll madankollu li lejn l-aħħar tas-sena 2010 il-ġudikant li kien oriġinarjament qed jisma l-każ ġie elevat għal Imħallef u allura l-proċeduri ġew assenjati lil ġudikant ieħor. Dan inevitabilment kien ifisser aktar ħin meħtieg biex il-ġudikant ġdid li ġie f'idejh il-każ jeżamina l-proċess voluminuż mill-bidu, flimkien mal-volum ieħor ta' xogħol ġdid li huwa jkun wiret bis-saħħa tal-assenjazzjoni tad-doveri ġodda.

F'dan il-kuntest kollu l-Qorti tikkondividi ma' dak li ntqal fil-każ **Iris Cassar vs Avukat Ġenerali deċiż fid-9 t'April 2014**[31] b'referenza għal aktar ġurisprudenza:

[27] Fol 4
[28] Fol 190
[29] Fol 200
[30] Id-differimenti l-oħra huma a fol 5, 60, 64, 96, 103, 105A u 105B
[31] Rik Kost 30/13

*"Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża* ***John Bugeja vs Avukat Generali*** *affermat inoltre illi:*

*"Meta jinstab li kawża damet pendenti għal żmien twil u damet irraġonevolment biex inqatgħet, ikun ġudizzju simpliċistiku wisq li tintefa l-ħtija għad-dewmien fuq l-imħallef partikolari li jkun sema' l-istess kawża li damet. Ikun ġudizzju x'aktarx immensament inġust li takkuża jew li tinsinwa li dak l-imħallef partikolari ikun tgħażżen, tnikker jew ġeneralment ma kienx diliġenti f'xogħolu. Dan għaliex, fil-verità, l-abilità ta dak l-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma' tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jaħdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawżi "qodma" (backlog) li "jitgħabba" bih appena jilhaq imħallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi ġodda li jiġu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi ġudikant, il-kwalità u l-kumplessità tal-istess kawzi, jekk l-imħallef jingħatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jingħatax r-riżorsi neċessarji biex jagħmel ir-riċerka tiegħu, biex iżomm ruħu aġġornat fl-istudji tiegħu, u biex isib il-ħin neċessarju għad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewg kolonni l-oħra tal-istat, ċioe' l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f'pożizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli".*

*Il-Qorti ta' Strasburgu fil-każ ta'* ***Zimmermann and Steiner vs Switzerland*** *sostniet li l-istati għandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).*

*Ukoll fil-każ ta'* ***Guincho vs Portugal*** *saħqet li stat għandu l-obbligu li jforni biżżejjed riżorsi għad-disposizzjoni tas-sistema ġudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri (10 ta' Lulju 1984)."*

Fil-każ **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** suċċitat il-Qorti kompliet tgħid hekk –

*"Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness [**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings"36. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita' wkoll li "The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay"[32];*

- Dwar il-komportament tal-prosekuzzjoni fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa minnu li fattwalment għaddew b'kollox tlett snin minn mindu l-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi tagħha fil-21 ta' Novembru 2007[33] sakemm għalqithom fid-9 ta' Diċembru 2010[34]. Irriżultaw fl-ewwel lok xi nuqqasjiet da parti tagħha u ċioe' żewġ seduti li fihom il-prosekuzzjoni ma dehritx mingħajr raġuni valida[35] u seduta oħra fejn ma seta' jsir xejn għax il-prosekutur kien imsiefer[36]. Madanakollu dan it-trapass ta' snin huwa wkoll dovut għal fatturi oħra li l-prosekuzzjoni ma kellhiex kontroll fuqhom senjatament li f'dak il-perjodu kien hemm sitt differimenti li saru b'ordni tal-Qorti, xi drabi fejn ma deherx l-imputat u għalhekk ma seta' jsir xejn u okkażjonijiet fejn xhieda debitament imħarrka ma dehrux u kellhom jerġgħu jitħarrku f'seduti sussegwenti. Għalhekk mhuwhiex korrett ir-rikorrent meta jatribwixxi dan it-trapass ta' żmien unikament għal nuqqasijiet minn naħa tal-prosekuzzjoni. Nonostante dan li appena ngħad pero' l-Qorti tosserva li nuqqas ieħor tal-prosekuzzjoni huwa li filwaqt li hija ppreżentat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha fit-28 ta' Jannar 2013[37] u kellha l-obbligu li tinnotifika l-kontro-parti mill-aktar fis, kien biss erba' xhur wara li hija għaddiet kopja ta' dawn is-sottomissjonijiet lill-kontro-

[32] Harris, O'Boyle & Warbrick, op. cit., paġ. 227
[33] Fol 19
[34] Fol 106
[35] Seduta 26 ta' Ġunju 2008 a fol 63 u Seduta tas-26 ta' Novembru 2009 a fol 97
[36] Seduta tal-25 ta' Mejju 2010 a fol 105
[37] Fol 161

parti u ċioe' waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2013[38] b'dana li fil-frattemp inħliet seduta oħra għalxejn[39].

- Dwar il-komportament tar-rikorrent odjern fil-proċeduri kriminali il-Qorti tinnota wkoll xi nuqqasijiet da parti tiegħu. Huwa naqas li jidher (u dan mingħajr raġuni valida) f'żewġ seduti[40]. Deher ukoll tard għal żewġ seduti oħra[41] u għalhekk ma setax jiġi reġistrat progress fihom. Inoltre għalkemm huwa beda l-provi tiegħu fil-15 t'April 2011[42] u għalaqhom sa erba' seduti wara fid-19 ta' Novembru 2012[43], tnejn minn dawn is-seduti inħlew meta d-difiża talbet differiment seduta stante għax id-difensur kellha kawżi oħra fl-istess ħin. Dan meta d-data u l-ħin tal-proċeduri kriminali in eżami kienu avżati bihom minn ferm qabel[44]. Jiġi nnutat ukoll li filwaqt li s-seduta tad-19 ta' Novembru 2012[45] kienet intiża għall-għeluq tal-provi difiża u għat-trattazzjoni finali, f'dik is-seduta d-difiża ma ressqet ebda provi u użatha biss biex tiddikjara l-għeluq tagħhom u biex titlob li t-trattazzjoni ssir b'Nota. Inoltre, wara li man-notifika tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni d-difiża ngħatat xahrejn żmien sal-aħħar ta' Lulju 2013 biex tippreżenta n-nota risponsiva tagħha[46] (b'dana li d-differiment għat-trattazzjoni finali orali kellha allura tiġi differita għal wara s-sajf), hija xorta baqgħet ma preżentatx in-Nota tagħha.

Fir-rigward tal-komportament tal-prosekuzzjoni u d-difiża, l-eċċezzjonijiet numru ħamsa u sitta tal-intimat sejrin jintlaqgħu <u>biss</u> safejn kompatibbli ma' dak li appena ngħad.

iii. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet kollha pero' l-Qorti xorta tasal għall-konklużjoni li salv għan-nuqqasijiet imsemmija da parti tad-difiża, il-fatturi l-oħra fuq imsemmija li taw lok għal dewmien żejjed fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, kienu lil hinn mill-kontroll tar-rikorrent odjern. Dan jagħti lok għall-ġustifikazzjoni tal-lanjanza tar-rikorrent li huwa sofra ksur tad-dritt tiegħu għal

---

[38] Fol 184
[39] Seduta tal-20 ta' Marzu 2013 a fol 183
[40] Seduta tat-13 ta' Ġunju 2007 a fol 10 u seduta tas-26 ta' Ġunju 2008 a fol 63
[41] Seduta tal-1 t'April 2009 a fol 85 u seduta tal-10 ta' Ġunju 2009 a fol 88
[42] Fol 128
[43] Fol 159
[44] Seduta tat-28 t'Ottubru 2011 a fol 151 u Seduta tas-7 ta' Diċembru 2011 a fol 152
[45] Fol 159
[46] Fol 184

smiegħ xieraq għeluq zmien raġjonevoli. Inevitabilment, is-snin twal li huwa kien kostrett jibqa' fi stat ta' nċertezza b'rabta mal-proċeduri meħuda kontrih in vista tal-inċident stradali tal-2005, liema nċertezza kienet maġġorment kawżata mid-dewmien fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għar-raġunijiet mogħtija, ħolqulu preġudizzju sproporzjonat li ma jistax jiġi njorat.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent jistħoqqlu jinghata rimedju xieraq konsistenti f'kumpens għal danni morali.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza **Gasan Enterprises Limited vs Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[47] -

"*Meta jiġi riskontrat dewmien skond l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża .... u bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża.*"

Għalkemm kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu u allura l-kumpens akkordat fil-kaz tal-lum għandu jirrifletti ċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu, il-Qorti tinnota li fost is-sentenzi li ngħataw dawn l-aħħar snin fir-rigward ta' dewmien meqjus mhux raġjonevoli hemm:

- **George Frendo vs Avukat Ġenerali et** deċiż minn din il-Qorti stess fit-**8 ta' Novembru 2017**[48] fejn ġie likwidat kumpens morali ta' €2000 għal proċeduri li damu għaddejjin 15 il-sena;
- **Dr Tancred Busuttil vs Avukat Ġenerali** deċiż fit-**2 ta' Lulju 2013**[49] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu madwar 24 sena;
- **Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Generali** deċiż fil-**15 ta' Mejju 2015**[50] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 kull wieħed fir-rigward ta' proceduri li kienu ghadhom

[47] App Nru 29/01 deciz 3 ta' Frar 2009
[48] Rik Kost 108/16
[49] Rik 10/08
[50] Rik 88/13

pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naha tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-kaz;

- **Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali** deċiż fit-**28 ta' Frar 2014**[51] fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €3,000 għal kawża li damet għaddejja erbgħin sena wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi għal snin sħaħ dwar dan id-dilungar tal-proċeduri mingħajr ma hadu azzjoni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom. Il-Qorti qalet hekk -

*"Din il-Qorti tirrileva li għalkemm il-kawżi damu għexieren ta' żmien, circa erbgħin (40) sena, ir-rikorrenti ppreżentaw il-proceduri odjerni f'Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti tagħhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali, apparti milli jkompli juri l-passivita` da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra tagħhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tiegħu. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ħadu nagħsa twila ħafna fejn jidħlu d-drittijiet konvenzjonali tagħhom għax ħallew aktar minn erbgħin (40) sena sabiex fl-aħħar jieħdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali tagħhom."*

Fid-dawl ta' din l-aħħar osservazzjoni appena ċitata l-Qorti ma tistax ma tinnutax il-passivita' tar-rikorrent Massimo Abela għall-andament tal-proċeduri kriminali in eżami tant li fis-snin kollha li dawk il-proċeduri damu għaddejjin huwa lanqas darba ma lmenta minn xi dewmien jew issolleċita lill-Qorti biex jitħaffef il-każ. Dan lanqas fil-perjodu meta l-kawża kienet qegħda tiġi ripetutament differita għas-sentenza. Kien biss wara li ntemmu l-proċeduri in kwistjoni li huwa ddeċieda li jieħu azzjoni biex jilmenta mid-dewmien. Min verament ikun interessat li l-proċeduri kontrih ma jitwalux iżżejjed jaġixxi tempestivament u b'mod kontinwu waqt li għaddejja l-kawża proprja u mhux jiċċaqlaq biss fi stadju meta l-uniku rimedju disponibbli jista' jissarraf biss f'kumpens pekunarju. Il-Qorti tqis li din l-inerzja tar-rikorrent fis-salvagwardja tad-drittijiet tiegħu għandha tiġi riflessa fil-*quantum* li ser jiġi akkordat.

Għal fini ta' kumpens ser jittieħed ukoll in kunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrent ibbenefika wkoll mid-dewmien fil-proċeduri kriminali u dan meta l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 2018 applikat l-effett ta' l-istess dewmien a favur tiegħu billi varjat il-piena nflitta minn waħda ta' priġunerija effettiva għal waħda sospiża. Il-Qorti qalet hekk –

[51] Rik 25/10

*".....din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora t-trapass taż-żmien minn meta seħħ dan l-inċident f'Settembru tal-2005, kawża li damet għaddejja 'l fuq minn għaxar snin, b'dan illi llum l-appellanti mmatura aktar fl-imġieba tiegħu tant illi għaraf l-iżball tiegħu. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm il-quantum tal-piena m'għandux jiġi mittiefes, madankollu l-priġunerija għandha tiġi sospiża fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali[52]."*

F'dan is-sens għalhekk u safejn kompatibbli ma' dak li appena ntqal, id-disa' eccezzjoni tal-intimat hija ġustifikata.

Meħudin iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ in eżami l-Qorti sejra takkorda lir-rikorrent is-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) bħala *just satisfaction* għall-ilment kostituzzjonali tiegħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' s-seba' eċċezzjoni, tilqa' biss safejn kompatibbli ma' dak deċiż l-eċċezzjoni numru ħamsa, sitta u disgħa filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti lleda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tiegħu hekk kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

**3. Tilqa' t-tieni talba u takkorda lir-rikorrent kumpens morali ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) bħala rimedju effettiv għall-ilment kostituzzjonali tiegħu, liema kumpens għandu jitħallas mill-Avukat Ġenerali.**

**4. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-Avukat Ġenerali.**

[52] Paġna 17 tas-sentenza

**Onor Dr. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Deputat Reġistratur**